Il-ħsieb ta' Patri Tumas huwa mimli purezza u ortodossija dottrinali, u għalhekk huwa ħsieb li ta' min joqgħod fuqu biex isib id-duttrina pura tan-Nisrani. Huwa rnexxielu jibni dal-ħsieb grazzi għar-rieda soda u determinazzjoni kemm lejn il-maġisteru tal-Knisja kif ukoll bissaħħa tat-teoloġija ta' qabel u tal-lum fuq kollox tal-iskola Tomista.

Fid-dawl ta' dawn il-kriterji, il-Qaddej ta' Alla, studja diversi duttrini kemm tal-passat kif ukoll tal-preżent li wrew biċ-ċar, kif kien jgħid Tumas ta'Akwinu, 'l-għeruq tal-iżball'. Kien juri dawn l-iżbalji b'argumenti sodi u wara kien juri x'inhi il-verità. Huwa wettaq din il-missjoni b'mod serju u ħarab dejjem il-konfront personali. F'moħħu dejjem kellu l-verità tal-Knisja.

Fiż-żmien imqalleb ta' wara l-Konċilju, spiss ittimbrat min-neo-moderniżmu u minn progressisti bla regoli dwar dak li ried iġib il-Konċilju, Patri Tumas kien iħoss li l-missjoni tiegħu kienet li jfakkar fil-valuri tradizzjonali li kienu qegħdin jintesew. Fl-istess waqt huwa dejjem ħarab it-tradizzjonaliżmu li kien imur kontra ir-riforma tal-Konċilju. Nistgħu ngħidu li kien tradizjonalista ta' wara l-Konċilju.

Anke fil-waqtiet l-aktar għolja tal-ħsibijiet spekulattivi tiegħu, Patri Tumas ma nesa qatt il-ministeru saċerdotali Dumnikan tiegħu, u kien dejjem jaħseb dwar il-qdusija tal-erwieħ anke meta kliemu kien jinstama' għoli wisq. Huwa dejjem fittex ir-realiżmu Tomista u evita dejjem id-dijalettika tal-idealista. Ta' teologu virtuż li kien huwa dejjem laqa' il-kritika mid-dinja Kattolika, għax kien kapaċi japprezza il-valur tal-ħsieb ta' ħaddieħor anke jekk ikun influwenzat min-neo-moderniżmu li huwa kien jiġġieled.

Illum, meta t-taħwid u r-relattivizmu fil-moralità dejjem jiżdied, hemm bżonn induru lejn il-ħsieb ta' Patri Tumas. Patri Tỳn ifakkarna li bil-ħsieb dommatiku u spekulattiv nistgħu nirbħu kull żball kontra il-morali. Naffaċċjaw dawn l-iżbalji b'argumenti tajbin mibnija fuq duttrina tajba.

Hekk il-famuż storiku u teologu Patri Battista Mondin jiġbor fil-qosor l-eżiġeżi li Patri Tỳn jagħtina dwar il-metafisika tal-essere f' San Tumas ta'Akwinu. (*La metafisica di S. Tommaso d'Aquino e I suoi interpreti*, ESD, Bologna 2002, paġni 127-128):

"L-ewwel: l-oriġinalità tal-metafiżika tiegħu titratta l-enti, li għal Patri Tỳn ma tmurx kontra t-tagħlim ta' Aristotile dwar is-sustanza, imma tkun fi żvilupp koerrenti".

It-tieni: il-bidu tal-metafiżika ta' San Tumas huwa l-istess metafiżika ta' Aristotile, l-oġġett tiegħu huwa l-enti in kwantu enti" u jiena nżid l-enti sensibbli li minnu tipproċedi in-nozzjoni ta' enti spiritwali (il-bniedem), jista' jqis anke l-eżistenza ta' Alla, *ipsum Esse per se subsistens* (Dak li jsostni lilu nnifsu) kif jgħid San Tumas.

"It-tielet: ir-riabitazzjoni tal-essenza f' konfront mat-'Tomiżmu eżistenzjali' ta' Gilson.... Filwaqt li Gilson jeskludi l-preżenza tal-essenza f' Alla. Patri Tỳn bil-kontra juri li l-essenza hija parti mill-istruttura oriġinarja ta' kull enti, allura anke tas-sustanza divina."

Il-professur Adriano Bausola, wieħed mill-aqwa filosofi Nsara tas-seklu li għadda, fil-preżentazzjoni tal-kapolavur ta' Patri Tỳn, *Metafisica della Sostanza. Partecipazione ed analogia entis*, EDS, Bologna 2002, 972 paġni, jibda billi jgħid: "Jiena u naqra dan ix-xogħol importanti ta' Patri Tỳn, li għandi l-unur nippreżentalkom, tiġi f' moħħna id-dehra ta' oażi sabiħ fid-deżert. L-oażi: diskussjoni ħajja ta' metafiżika; id-deżert: il-ħsieb filosofiku tal-lum, li ftit li xejn jaqbel mar-raġuni."

Dan ifakkarna fir-raġuni li hija waħda mis-suġġetti fil-maġisteru tal-Papa Benedettu XVI. Huwa fuq dawn is-sisien, il-patrimonju komuni ta' kull bniedem, sew jekk jemmen jew jekk le, aħna lkoll imsejħa biex insalvaw id-dinjità tal-bniedem, annimal li jirraġuna, sabiex skont kif jgħidilna l-Battista, nħejju t-triq għall-Mulej.

*P. Giovanni Cavalcoli, OP*

Dawk li jirċievu xi grazzja bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla, Patri Tumas Tỳn, huma mitlubin jinfurmaw lill-viċi postulatur tal-kawża, Patri Giovanni Cavalcoli, OP. Convento San Domenico, Piazza San Domenico13, 40124, Bologna Italia.
Tel 0039 051.6400418 jew 0039 051.6400411
e-mail: padrecavalcoli@gmail.com

Min jixtieq jagħmel offerti finanazjarji biex ikopru l-ispejjeż ta' pubblikkazzjonijiet ta' jew dwar Patri Tumas Tỳn huwa mitlub jibgħat lil:
Patri Giovanni Cavalcoli, OP. Convento San Domenico, Piazza San Domenico13, 40124, Bologna Italia.
Jew: Associazione Cenacolo di San Domenico. Finalità: Amici di Padre Tomas Tỳn O.P. fil-Banca Popolare dell'Emilia Romagna – Sede di Bologna – Via Venezian 5° - Nr 0201/1634124 – ABI 05387 – CAB 02400 CC 000001634124 – CIN L Codice IBAN: IT94 L 05387 02400 000001 634124
Jew: Cenacolo di San Domenico (Finalità: Padre Tomas Tỳn, OP) Bologna – Kont kurrenti postali: ccp nr. 94406725

Is-siti web dwar Patri Tumas Tỳn huma:
www.studiodomenicano.com
www.arpato.org (bi blog)
Il-kotba ta' jew dwar Patri Tumas Tỳn, OP, miktuba jew ikkurati minn Patri Giovanni Cavalcoli, OP, jistgħu jinkisbu jew mill-ħwienet tal-kotba Nsara jew mid-dar tal-pubblikazzjonijiet: www.fedecultura.com

# Il Qaddej ta' Alla
# Patri Tumas Tyn OP



## Talba biex jinqalgħu grazzji bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla Patri Tumas Tỳn OP

*Missier Qaddis, għani fil-ħniena, li tajtna l-Verb tiegħek sabiex mid-dlam imexxina lejn id-dawl, inroddulek ħajr għad-doni tal-Ispirtu tiegħek li tajt lill-qaddej tiegħek Tumas Tỳn. Agħmel li jkun jistħoqqlu jiġi mgħolli għall-ġieħ tal-altari, biex bix-xhieda li tana bħala iben denju tal-qaddis missierna Duminku u tal-Imqaddsa Verġni Marija, iqanqal lil bosta biex jimxu wara Kristu, u bl-interċessjoni tiegħu nitolbuk taqlalna l-grazzja li qegħdin nitolbuk. Bi Kristu sidna. Ammen. Missierna.... Sliema... Glorja...*

(bl-approvazzjoni tal-Knisja)

## Il-Ħajja ta' Patri Tumas Tÿn

Tumas twieled f' Brno fiċ-Ċekoslovakkja, illum ir-Repubblika Ċeka fit-3 ta' Mejju, 1950. Fi ċkunitu Tumas kien imrawwem minn familtu fi prinċipji Nsara, liema prinċipji ma setax jistqarr bil-miftuħ minħabba r-reġim Komunista. Il-mexxej tal-parroċċa, Dun Josef Budish, kien l-aktar bniedem li ħalla nfluwenza fil-formazzjoni Nisranija tat-tfajjel. Kellu biss tnax-il sena meta Tumas beda juri x-xewqa li jsir saċerdot reliġjuż, minkejja l-pariri ta' ommu biex jistudja l-mediċina.

Wara li spiċċa l-iskola primarja u sekondarja fil-belt fejn twieled, ingħata borża ta' studju fl-Akkademja Diġjone jew il-Liċeo Carnot fi Franza. Fl-1 ta' Lulju, 1969, akkwista l-baċellerat b' punti tajbin ħafna. Sar jaf lill-patri Dumnikan Henri-Marie Féret. F'dan iż-żmien huwa tgħallem sewwa bosta ilsna: ir-Russu, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Lhudi, il-Grieg u l-Latin. Fl-1968 minħabba l-invażjoni Sovjetika, il-ġenituri tiegħu telqu miċ-Ċekosolvakkja u marru jgħixu fil-Ġermanja tal-Punent.

Meta Tumas ħalla Franza mar huwa wkoll jgħix il-Ġermanja, fejn fit-28 ta' Settembru, 1969, kien imlibbes l-abitu tal-Ordni tal-Predikaturi f' Warburg ġewwa Westphalia fejn huwa għamel ukoll in-novizzjat. Fid-29 ta' Settembru, 1970 huwa għamel il-professjoni sempliċi u beda l-istudji filosofiċi-teoloġiċi fl-Istudju Dumnikan ta' Walberberg. Hawn huwa kiseb il-lettorat fit-Teoloġija mqaddsa bit-teżi *Die Problematik der Bewegung und Ruhe bie Plato* (Il-problematika tal-moviment u tal-qagħad skont Platun).

Kontra qalbu kien jara l-waqa' morali u dottrinali li f' dawk is-snin kienu qegħdin jaħkmu l-Ġermanja minħabba l-interpretazzjoni modernistika tal-Konċilju, Tumas sar jaf li d-Dumnikani ta' Bologna, taħt it-tmexxija għaqlija ta' provinċjal ta' dak iż-żmien, Enrico Rossetti, kellhom fi ħsiebhom li jxandru tabilħaqq it-tiġdid tal-Konċilju. Fl-1972 Fra Tumas ingħata l-permess sabiex jingħaqad mal-komunità ta' Bologna. Fid-19 ta' Lulju, 1973, ġewwa l-kunvent fejn jinstab il-fdal tal-qaddis fundatur, huwa għamel il-professjoni solenni. Ftit wara kiseb il-liċenzjat fit-teoloġija bit-teżi ta' 340 paġna miktuba bil-Latin taħt it-tmexxija ta' Patri Alberto Galli, OP. L-isem tat-teżi kien: *De gratia divina et iustificazione. Oppostio inter theologiam Sancti Thomae et Lutheri*. (Il-grazzja u l-ġustizzja divina. Il-kuntrarju fit-teoloġija ta' San Tumas u Luteru). Din it-teżi xeħtet dawl fuq il-misteru tar-relazzjoni bejn il-grazzja u r-rieda ħielsa skont id-duttrina ta' San Tuams ta'Akwinu u mill-banda l-oħra kixfet l-iżbalji tan-neo-modernisti li riedu jiġġustifikaw l-iżbalji ta' Luteru.

Fra Tuams kien ordnat saċerdot mill-Papa Pawlu VI fid-29 ta' Ġunju, 1975, f' Ruma. Dakinhar Patri Tumas offra ħajtu għall-ħelsien tal-Knisja f' art twelidu.

Fl-1978, Patri Tumas kiseb il-lawrija fit-teoloġija mill-Università Pontifiċja San Tumas ta'Akwinu ġewwa Ruma. Huwa reġa' għażel l-istess tema għat-teżi. L-isem tat-teżi kien 'L-azzjoni divina u l-libertà fil-proċess tal-ġustifikazzjoni skont id-duttrina ta' San Tumas ta'Akwinu', Din it teżi kien fiha 300 pagna. Direttur tat-teżi kien il-filosofu u teologu Dumnikan Felice Lagutaine.

Lura Bologna, Patri Tumas beda jgħallem it-teoloġija morali u kliemu kien tassew perswassiv. Kien jikkritika l-iżbalji li spiss kienu jsiru fil-qasam teoloġiku. Minkejja l-oppożizzjoni, Patri Tumas żamm sħiħ fit-tagħlim tiegħu, b'impenn lejn Alla u lejn l-erwieħ.

Fl-1980 Patri Tumas inħatar viċi president tal-Akkademja tal-Istudji Teoloġici ta' Bologna (Studio Teologico Accademico Bolognese). Predikatur żelanti li fl-istess waqt beda ħidma ta' appostolat f'bosta ambjenti, u kien imfittex minn bosta li ma kienux jemmnu, u spiss kien iqarribhom lejn il-Knisja wara li kien iqararhom. Kien jagħmel ħafna eżerċizzi spiritwali u kien imfittex għall-konferenzi. B'danakollu huwa kien dejjem attiv fil-ħajja saċerdotali tiegħu fuq kollox fil-parroċċa ta' San Giacomo fuori le mura ta' Bologna, b'attenzjoni speċjali għall-koppji miżżewġin u għarajjes.

Ma' ħutu l-patrijiet kien dejjem disponibbli, soċjevoli, fdat, maħbub, umli u ta' parir tajjeb. Kien jaħrab dejjem il-kliem vojt. Patri Tumas għex dejjem il-ħajja ta' reliġjuż Dumnikan, fl-osservanza tar-regola. B'daqshekk ma kienx nieqes mill-gost tal-ħbiberija, l-aktar f'ħarġiet fil-kampanja. Kien iħobb ħafna il-liturġija, it-talb u l-kontemplazzjoni. Kien devot kbir tal-quddiesa l-aktar tal-Ewkaristija; u minkejja li laqa' tajjeb it-tibdil tal-Konċilju, kien iħobb jiċċelebra l-quddiesa ta' San Piju V għal dawk in-nies li jħobbu din il-liturġija hekk sabiħa u suġġestiva.

Devot kbir tal-Madonna u ta' Dumnikan tajjeb, devot tar-ružarju. Kien jammira l-ispiritwalità Marjana ta' San Alwiġi Marija Grignion de Montfort, u spiss kien jirrakkomandaha. Patri Tumas ma kienx biss intelliġenti imma bħal bosta Slavi kellu sens artistiku u kien iħobb il-letteratura u l-mużika klassika u kien kompetenti anke f' dawn il-materji. Kien jieħu sehem ukoll f'laqgħat u diskussjoniijet per eżempju il-laqgħat bejn xjenzati, filosofi u teoloġi organizzati minn Patri Serio Parenti OP. Ta' teologu kien ukoll jieħu ħsieb pubblikazzjonijiet u kitbiet f' dan il-qasam f' bosta rivisti.

L-attività tiegħu waqfet ħin bla waqt minħabba marda inkurabbli li ħakmitu fl-età ta' 39 sena, liema marda ġabitlu ħajtu fit-tmiem fi żmien xahrejn ta' wġiegħ li huwa issaporta.

L-aħħar xahar tal-marda tiegħu għaddieh fil-Ġermanja imdawwar bl-imħabba tal-ġenituri tiegħu. Indifen f'Neckargemünd. L-aħħar xahar tiegħu, minkejja t-tbatija, dejjem kien iqaddes f' kamartu.

Fl-aħħar jiem ta' ħajtu huwa għadda lill-editur Dumnikan, Patri Vincenzo Benetollo, xogħol volumuż ta' metafiżika li kien ilu jaħdem fuqu għaxar snin sħaħ. Dan ix-xogħol kien ippubblikat fl-1991.

Miet f'Neckargemünd fl-1 ta' Jannar 1990, fl-istess waqt li art twelidu kienet għadejja minn taħt idejn ir-reġim Komunista għad-demokrazija. Il-voti ta' Tumas kienu laħqu l-għan tagħhom. Il-funeral tiegħu sar fil-5 ta' Jannar, 1990.

Wara li miet fi stat ta' qdusija, bosta devoti u ħbieb fl-Italja u fir-Repubblika Ċeka, talbu li tibda l-kawża għall-beatifikazzjoni tiegħu. Ix-xewqa tagħhom inqatgħet meta fil-25 ta' Frar, 2006, fil-bażilika ta' San Duminku ġewwa Bologna, il-Kardinal Caffarra inawgura solennament il-proċess ta' beatifikazzjoni.

## Il-Ħsieb ta' Patri Tumas Tÿn

Il-ħsieb ta' Patri Tumas huwa viżjoni tad-duttrina kattolika preżentata b'mod sistematiku kemm mill-aspett teoloġiku kif ukoll mill-aspett filosofiku, fl-iskola ta' San Tumas ta'Akwinu.

It-temi prinċipali trattati mill-Qaddej ta' Alla huma d-duttrina dwar Alla Wieħed, il-misterju Trinitarju, l-Inkarnazzjoni, ir-Redenzjoni, id-duttrina tal-Grazzja, tal-Ġustifikazzjoni u l-Virtujiet Teologali, il-metafiżika, partikolarment id-duttrina tal-enti bħala sustanza skont il-modalitajiet tal-analoġija u l-parteċipazzjoni, l-antropoloġija, l-anġeloġija, il-prinċipji tal-morali u l-Virtujiet Morali.

F'xi kitbiet fir-rivisti u fil-bosta konferenzi huwa kien jitratta il-kwistjonijiet toeloġiċi-filosofiċi kif ukoll kwistjonijiet attwali speċjalment dawk ta' karattru etiko-soċjali, u kien juri il-valuri fondamentali filwaqt li jkun attent għall-ħtiġijiet tal-lum.

Patri Tumas kien fidil lejn il-maġisteru tal-Knisja u lejn it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, li ried fuq kollox juri lill-ġenerazzjoni żagħżugħa il-prinċipji tradizzjonali li jibqgħu għal dejjem u għal kulħadd, filosofi, etici, religjuzi u teologici tal-Kristjaneżmu, billi juri, japprofondi u jispjega bl-intelliġenza penetranti u bil-kultura vasta tiegħu.